MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 72/2012

**Joseph Demicoli u Paul Piscopo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Koperattiva Ghaqda Kooperattiva tas-Sajd**

**Vs**

**Angelic Mifsud f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Lambusa Maritime Company Limited**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-23 ta' Jannar 2012 l-attrici qeghda titlob il-hlas ta' mija tmienja u erbghin elf u hames mitt ewro (€148,500) li  tikkonsisti in kwantu ghal €88,500 bilanc bhala hlas ta' operator's fee u

€60,000 kontijiet tad-dawl u ilma mhux imhallsa, oltre 18% VAT u imghax mit-8 ta' Dicembru 2008. Qeghda titlob ukoll lill-qorti biex ixxolji l-management agreement li sar bejn il-partijiet fl-1 ta' Dicembru 2008 u li l-konvenuti jigu kkundannati jizgumbraw minn gewwa l-fond numru 150, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk.

Din is-sentenza hi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet li pprezentaw il-konvenuti:

1. Din il-qorti m'ghandix kompetenza peress li skond klawzola numru 18 tal-ftehim, kwistjonjiet bejn il-partijiet kellhom jigu decizi fi proceduri ta' arbitragg.
2. Ir-rikors gurmanetat hu null ghaliex il-kopja li giet notifikata lill-konvenuti m'hijiex iffirmata minn avukat, u dan bi ksur tal-Artikolu 178 tal-Kap. 12.

Jirrizulta li fl-1 ta' Dicembru 2008 gie ffirmat ftehim li permezz tieghu il-konvenuti nghataw il-pussess tal-fond 150, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk ghall-perjodu ta' 10 snin u minnu jiggestixxi azjenda relatata mas-suq tal-hut. Fi klawzola 18 tal-ftehim jinghad:-

*"In case of a dispute both parties agree that **each party elect a professional representative** and the matter shall be submitted for arbitration. The arbiter shall be approved by both parties and for the sitting of arbitration the Laws of Malta prevail. The arbiter expenses shall be at the expense of both parties and his decision shall be final."*[1].

**<u>Klawzola tal-arbitragg</u>**:- Min-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet hu evidenti li hemm qbil li l-meritu ta' din il-kawza jikkwalifika bhala *"dispute"* fit-termini tal-klawzola 18 tal-ftehim tal-1 ta' Dicembru 2008.

Permezz ta' ittra ufficjali tad-9 ta' Dicembru 2011[2], notifikata lill-kovenuti, l-attrici ghamlet riferenza ghat-tilwima dwar il-hlas dovut skond il-ftehim tal-1 ta' Dicembru 2008 u t-terminazzjoni tieghu minhabba morozita fil-hlas, iddikjarat li bhala wiehed mill-arbitri

[1] Fol. 14.
[2] Fol. 72.

kienet qeghda tissuggerixxi lill-avukat Dr Andy Ellul. Ghalhekk talbu lill-konvenuti biex jiddikjaraw jekk hemmx qbil man-nomina ta’ din il-persuna bhala arbitru. Permezz ta’ ittra ufficjali prezentata fis-17 ta’ Jannar 2012[3] il-konvenuti wiegbu li ma jaqblux, minghajr ma taw raguni ghalfejn ma jaqblux u ma pproponew persuna biex tkun arbitru. Jirrizulta li fl-20 ta’ Jannar 2012 l-attrici giet notifikata bl-ittra ufficjali tas-17 ta’ Jannar 2012[4], u fit-23 ta’ Jannar 2012 ipprezentaw ir-rikors guramentat.

Il-qorti hi tal-fehma li bi ftit rieda tajba l-partijiet, bl-ghajnuna tad-difensuri rispettivi taghhom, facilment kienu jaslu ghal ftehim dwar l-ismijiet tal-arbitri. Jibqa’ pero l-fatt li l-klawzola numru 18 fiha nuqqas in kwantu ma tipprovdi x’ghandu jsri fl-eventwalita li ma jintlahaqx ftehim dwar min ghandu jinhatar arbitru.

L-Att Dwar l-Arbitragg (Kap. 387) jipprovdi ghall-procedura ta’ x’ghandu jigri fejn it-tribunal ta’ l-arbitragg jkun kompost minn arbitru wiehed, u l-partijiet ma jiftehemux dwar il-persuna li ghandha tinhatar bhala arbitru (ara Artikolu 20). Jipprovdi wkoll ghal kazijiet fejn it-tribunal ta’ l-arbitragg ghandu jkun kompost minn tliet arbitri. Pero m’hemmx provvediment li jirregola n-nomina ta’ abritri fejn it-tribunal ta’ l-arbitragg ghandu jkun kompost minn tnejn min-nies. Ghalkemm fl-att m’hemmx provvediment li ma jippermettix in-nomina ta’ zewg arbitri biex jiddeciedu arbitragg[5], fil-fehma tal-qorti ghazla simili ma tantx hi ghaqlija in kwantu jista’ jaghti l-kaz li l-arbitri ma jaslux ghall-istess konkluzjoni.

Fir-rigward tas-sottomissjoni li ghamlu l-konvenuti li Carmelo Bugeja rrilaxxa dikjarazzjoni guramentata li qatt ma awtorizza li tigi prezentata ittra ufficjali kontra l-konvenuti[6]. F’dan ir-rigward il-qorti ma kellix l-opportunita

---

[3] Fol. 75.
[4] Ara riferta a fol. 76.
[5] Fl-Artikolu 2 tal-Att, it-tifsira ghal *"tribunal ta’ l-arbitragg tfisser arbitru uniku jew ghadd ta’ arbitri"*.
[6] Ara kopja a fol. 77 annessa mal-ittra ufficjali li pprezentaw il-konvenuti fis-17 ta’ Jannar 2012.

li tara l-istatut tal-koperattiva u ghalhekk ma tista tasal ghall-ebda konkluzjoni.

Il-qorti kienet tistenna li l-konvenuti, ghalkemm kellhom kull dritt li ma jaqblux mal-persuna li pproponiet il-parti l-ohra, jaghtu raguni ghalfejn ma jaqblux u wkoll jaghmlu proposta. Hekk biss seta jigi registrat progress. Fil-fehma tal-qorti kieku l-partijiet verament riedu juru rieda tajba kellhom kull opportunita li matul dawn ix-xhur jaghmlu tentattiv sabiex jaslu ghal ftehim dwar in-nies li ghandhom jinhatru bhala arbitri. Pero' minn dan kollu ma sehh xejn. Lanqas ma jidher li din il-qorti, gialadarba t-tilwima hi domestika, ghandha xi awtorita biex tindahal fir-rigward tal-persuni li ghandhom jinhatru bhala arbitri.

Il-qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha tipprocedi bis-smiegh tal-kawza.

**<u>Nullita' tar-rikors guramentat</u>**:- il-qorti m'ghandix dubju li din l-eccezzjoni hi ghal kollox bla bazi. Eccezzjonijiet ta' din ix-xorta jservu biss ghal hela ta' hin u spejjez bla bzonn. Il-qorti tosserva li:-

i. L-original tar-rikors guramentat li hemm fl-atti hu ffirmat minn zewg avukati. Ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 178 tal-Kap. 12.

ii. Il-konvenuti ma pprezentawx il-kopja tar-rikors guramentat li giet notifikata lilhom. Ghalhekk ma saritx prova ta' dak li qieghed jigi allegat.

iii. Il-fatt li fil-kopja tal-atti li jigu notifikati jkun hemm xi nuqqas ma jfissirx li b'daqshekk ir-rikors guramentat hu null. Il-konvenuti jistghu dejjem jitolbu lir-Registratur sabiex jinghataw kopja vera tal-atti li jkunu gew prezentati fil-qorti.

iv. Jekk dak li jallegaw il-konvenuti hu veru, ma sofrew l-ebda pregudizzju. Tant hu hekk li pprezentaw twegiba guramentata fejn ressqu id-difiza taghhom minghajr ebda xkiel.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni.**

**2. Tichad it-tieni eccezzjoni.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------